MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 918/2003

**Peter Attard**

**vs**

**Jason Mifsud**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Mejju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm925.25) rapprezentanti bilanc ta' prezz minn soma akbar ghall-xoghol ta' plumbing u elettriku u ghall-materjal uzat fil-fond Plot 11, "Nid D'Amour" groundfloor maisonette, Triq Hal Kirkop, Imqabba, liema xoghol gie ezegwit u l-materjal uzat, fuq inkarigu tal-konvenut stess;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali ta' l-14 ta' Dicembru, 2002, u bl-imghax legali kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.**
**Dokumenti mehumza immarkati A, B u C jikkonfermaw l-ammont pretiz.**

**Ra l-kapitolu prezentat fit-23 ta' Jannar, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx ghalkemm imsejjah in subizzjoni.**

**Ghaldaqstant, fil-kontumacja tal-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' disa' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm925.25) bl-imghax legali mid-9 ta' Jannar, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali ta' l-14 ta' Dicembru, 2002, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------